IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 8.6.2018
COM(2018) 443 final

ANNEXES 1 to 2

ANNESSI

tal-Proposta għal

REGOLAMENT TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL

li jistabbilixxi l-programm "Fiscalis" għall-kooperazzjoni fil-qasam tat-tassazzjoni

{SWD(2018) 323 final} - {SWD(2018) 324 final}

ANNESS 1

Lista mhux eżawrjenti ta' forom possibbli ta' azzjoni msemmija fil-punti (a), (b) u (d) tal-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 7(2)

L-azzjonijiet imsemmija fil-punti (a), (b) u (d) tal-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 7(2) jistgħu jieħdu l-forom li ġejjin:

(a) Fir-rigward ta' laqgħat u avvenimenti simili *ad hoc*:

- Seminars u sessjonijiet ta' ħidma li ġeneralment jattendu għalihom l-pajjiżi kollha u li fihom isiru preżentazzjonijiet u l-parteċipanti jieħdu sehem f'diskussjonijiet intensivi u f'attivitajiet dwar suġġett partikolari;
- Żjarat ta' ħidma, organizzati biex l-uffiċjali jiksbu jew iżidu l-kompetenza jew l-għarfien tagħhom dwar il-politika tat-tassazzjoni;
- Preżenza fl-uffiċċji amministrattivi u parteċipazzjoni fl-inkjesti amministrattivi;

(b) Fir-rigward ta' kollaborazzjoni strutturata:

- Grupp ta' proġett, magħmul ġeneralment minn għadd limitat ta' pajjiżi, li jkun operattiv għal perjodu ta' żmien limitat biex jintlaħaq għan predefinit b'riżultat definit b'mod preċiż li jinkludi l-koordinazzjoni jew il-valutazzjoni komparattiva;
- Task force, jiġifieri forom strutturati ta' kooperazzjoni, ta' natura permanenti jew mhux permanenti, li tiġbor flimkien il-kompetenzi biex jitwettqu kompiti f'oqsma speċifiċi jew attivitajiet operazzjonali, possibbilment bl-appoġġ ta' servizzi ta' kollaborazzjoni onlajn, ta' assistenza amministrattiva u ta' faċilitajiet ta' infrastruttura u tagħmir;
- Kontroll multilaterali jew simultanju li jikkonsisti fil-verifika kkoordinata tas-sitwazzjoni tat-taxxa ta' persuna taxxabbli waħda jew aktar konnessi flimkien, organizzata minn żewġ pajjiżi jew aktar, u li jinkludi mill-inqas żewġ Stati Membri b'interessi komuni jew komplementari;
- Awditu konġunt li jikkonsisti fil-verifika konġunta tas-sitwazzjoni tat-taxxa ta' persuna taxxabbli waħda jew aktar konnessi flimkien, organizzat minn tim tal-awditu wieħed magħmul minn żewġ pajjiżi jew aktar, u li jinkludi mill-inqas żewġ Stati Membri b'interessi komuni jew komplementari;
- Kwalunke forma oħra ta' kooperazzjoni amministrattiva stabbilita bid-Direttiva 2011/16/UE, ir-Regolament (UE) 904/2010, ir-Regolament (UE) 389/2012 jew id-Direttiva 2010/24/UE;

(d) Fir-rigward tal-azzjonijiet ta' tisħiħ tal-kompetenza umana u tal-kapaċità:

- Taħriġ komuni jew żvilupp tat-tagħlim elettroniku biex jappoġġaw il-ħiliet u l-għarfien professjonali meħtieġa fil-qasam tat-taxxa;
- Appoġġ tekniku, bil-għan li jtejjeb il-proċeduri amministrattivi, isaħħaħ il-kapaċità amministrattiva u jtejjeb il-funzjonament u l-operat tal-amministrazzjonijiet tat-taxxa billi jniedi u jaqsam il-prattiki tajba.

ANNESS 2

Indikaturi

Għan speċifiku: appoġġ għall-politika tat-tassazzjoni, il-kooperazzjoni tat-taxxa u l-bini tal-kapaċità amministrattiva, inkluża l-kompetenza umana, u l-iżvilupp u l-operat tas-sistemi elettroniċi Ewropej.

1. Bini tal-Kapaċità (kapaċità amministrattiva, umana u fl-IT):

1. Indiċi tal-applikazzjoni u tal-implimentazzjoni tad-dritt u tal-politika tal-Unjoni (Għadd ta' azzjonijiet rilevanti għall-Programm organizzati f'dan il-qasam u r-rakkomandazzjonijiet maħruġa b'segwitu għal dawk l-azzjonijiet)
2. Indiċi tat-tagħlim (moduli tat-tagħlim użati; għadd ta' uffiċjali mħarrġa; punteġġ ta' kwalità għal kull parteċipant)
3. Disponibbiltà tas-sistemi elettroniċi Ewropej (f'perċentwal ta' ħin)
4. Disponibbiltà tan-Netwerk Komuni ta' Komunikazzjoni (f'perċentwal ta' ħin)
5. Proċeduri simplifikati tal-IT għall-amministrazzjonijiet nazzjonali u l-operaturi ekonomiċi (għadd ta' operaturi ekonomiċi rreġistrati, għadd ta' applikazzjonijiet u għadd ta' konsultazzjonijiet fis-sistemi elettroniċi differenti ffinanzjati mill-Programm)

2. Kondiviżjoni tal-għarfien u netwerking:

1. Indiċi tar-robustezza tal-kollaborazzjoni (grad ta' netwerking iġġenerat, għadd ta' laqgħat wiċċ imb wiċċ, għadd ta' gruppi ta' kollaborazzjoni onlajn)
2. Indiċi tal-aħjar prattiki u tal-linji gwida (għadd ta' azzjonijiet rilevanti għall-Programm organizzati f'dan il-qasam; perċentwal ta' amministrazzjonijiet tat-taxxa li użaw prattika tax-xogħol/linja gwida żviluppata bl-appoġġ tal-Programm)